Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# L-GĦAXAR LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 22

Data tal-laqgħa: 24 ta' Marzu 2026

Il-Kunsill Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fil-5.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Edward Grech – Viċi Sindku (EG)
Mary Louise Briffa – Kunsillier (MLB)
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (4):
Annalise Galea – Kunsillier (AG)

### ASSENTI:
Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku AM ippresjeda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.08pm.

## 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

22.1.1 Is-Sindku qal li l-Kunsillier AG infurmat li ma setgħatx tattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġiet skużata.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-Minuti tal-Laqgħa Nru. 21. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, il-minuti ġew approvati.

## 22.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

22.3.1.1 Para 21.3.3 - Riflettur ta' quddiem il-Knisja
Is-SE infurmat liż-żewġ rifletturi inbidlu għal dawl *warm white.*

22.3.1.2 Dwar l-installazzjoni ta' riflettur ġdid fejn il-kappelli ta' Triq it-Tliet Knejjes, il-kuntrattur ġie infurmat u se ssir spezzjoni.

22.3.2 Para 21.3.4 - *Merħba Locality Sign* fi Triq Birbal
Is-SE infurmat lit-tabella twaħħlet.

22.3.3 Para 21.3.5 - Dawl dekorattiv mas-siġar tal-pjazza
Is-SE infurmat lix-xogħol beda llum u għandu jitlesta fil-jiem li ġejjin.

22.3.4 Para 21.3.11 - Bankina fi Triq iz-Zekkuk
Is-SE infurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill illixxaw il-bankina biex ma jibqax jidħol ilma. Ir-residenta kuntenta bix-xogħol li sar.

22.3.5 Para 21.4.10 - *Pasta Factory*
Is-Sindku informa li l-oġġezzjoni għall-applikazzjoni ġdida ta' żvilupp ġiet sottomessa. Ix-xogħol ta' twaqqiegħ (li diġà hemm permess għalih) beda. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni lit-tabella temporanja '*No Pedestrian Access'* li twaħħlet mill-iżviluppatur, qiegħda mgħottija bl-istekkat. Se ninfurmaw lill-iżviluppatur biex jagħmilha viżibbli. Ġie rrimarkat li bankina temporanja m'hemmx fejn issir.

22.3.6.1 Para 21.10.3 - Triq il-Kannizzata k/m Triq il-Ferrovija l-Qadima
Dwar ix-xogħlijiet li għaddejjin bħalissa minn Enemalta plc, is-Sindku informa li, qed tinħoloq problema tat-traffiku peress li t-triq qed tingħalaq mill-kantuniera, b'konsegwenza li vetturi qed jispiċċaw f'dead end. Minħabba f'hekk, is-sewwieqa qed ikunu kostretti jinżlu *wrong way* minn Triq il-Kannizzata għal Triq Birbal.

22.3.6.2 Is-Sindku issuġġerielhom li waqt il-ħinijiet tax-xogħol, Triq il-Ferrovija l-Qadima tingħalaq għat-traffiku kollu, bl-eċċezzjoni tar-residenti, minn Triq P. P. Castagna. Is-Sindku żied jgħid li ser ikun qed jiltaqa' magħhom fuq il-post sabiex jissuġġerixxi miżuri addizzjonali li jista' jkun hemm bżonn.

22.3.7 Para 21.10.8 - *Telephone Box* fi Pjazza Bertu Fenech
Is-SE infurmat li l-ħaddiema tal-Kunsill naddfuha mill-kotba u żebgħuha bl-istess kulur oriġinali. Il-pass li jmiss hu li nwaħħlu xkaffar pulit u npoġġu l-kotba.

## 22.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

22.4.1.1 Laqgħa tar-Reġjun Tramuntana
Is-Sindku informa li fil-laqgħa li saret il-bieraħ ġiet diskussa l-problema li hemm fost il-lokalitajiet il-kbar fir-

rigward il-ġbir ta' skart.

22.4.1.2 Waqt il-laqgħa, dawk preżenti ġew infurmati li se jkunu qed jitqassmu *rat bait boxes* biex jitpoġġew madwar il-lokalitajiet.

22.4.2 Xogħlijiet li qed isiru minn l-Enemalta plc fi Triq il-Ferrovija l-Qadima

Is-Sindku informa li ser jintalab aġġornament dwar ix-xogħlijiet sabiex jiġi żgurat li l-festa ma tiġix impattata.

22.4.3 Laqgħa mal-*Community Police*

Fil-laqgħa li kellu mal-*Community Police*, is-Sindku ġie infurmat li, meta jkun hemm rapporti kostanti ta' veloċità eċċessiva, il-*Community Police* jistgħu jużaw *speed gun,* sakemm ikunu hemm tabelli tal-limitu tal-veloċità fit-triq. Se ssir spezzjoni fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, u jekk m'hemmx tabelli, dawn ser jitwaħħlu. Wara l-installazzjoni, il-*Community Police* ser jiġu infurmati sabiex ikunu jistgħu jibdew imorru bl-i*speed guns*.

## 22.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

22.5.1 *Zebra Crossing* f'Wied Ħal Balzan

Il-Kunsillier MLB qalet li resident staqsa fuq id-dawl taż-*zebra crossing*. Is-SE infurmat li, jekk qed tirreferi għaż-*zebra crossing* li kienet saret minn IM qabel l-elezzjoni, bħala Kunsill ilu jirrapporta biex isirilha d-dawl. Hija spjegat lir-resident se jibgħat filmat, li dan ser jintbagħat lil IM bħala *reminder*.

22.5.2 *Zebra Crossing* fejn Villa Madama fi Triq Birbal

Is-Sindku informa li IM wegħdu li se jagħmlu l-installazzjoni tas-sinjali u r-*road markings* neċessarji.

## 22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Rapporti

22.6.1 Rapport Amministrattiv għas-sena 2025

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Amministrattiv għas-sena 2025, li jinkludi r-Rapport ta' Ħidma tal-Kunsilliera. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

22.6.2 Fuq proposta tal-Kunsillier MLB, li kienet issekondata mill-Kunsillier ONDG, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

## 22.7 Skemi Finanzjarji

22.7.1 Ċirkulari Nru SPI/SCI/01/2026 – Finanzjament – Attivitajiet Kulturali Annwali 2026

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/01/2026 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill mhuwiex eliġibbli li japplika peress li bbenifika mill-iskema SPI/SCI/ 02/2025 biex saret l-attività ta' Jum San Valentinu 2026.

**F'dan il-ħin (5.38pm) il-Viċi Sindku EG daħal għal-laqgħa.**

22.7.2 Ċirkulari Nru SPI/SCI/02/2025 – Inizjattiva Finanzjarja – Lokalitajiet aktar nodfa

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/02/2026 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex issir Clean-up bl-involviment tar-residenti, kif ukoll isir tindif intensiv b'*power wash* ta' żoni milquta minn ħmieġ tal-ħamiem. Se jiġu identifikati t-toroq l-aktar problematiċi u tiġi ppreparata l-applikazzjoni.

22.7.3 Ċirkulari Nru SPI/SCI/03/2026 – Finanzjament – Milied 2026

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/03/2026 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-iskema biex terġa' ssir l-attività għat-tfal. L-attività qed tiġi ppjanata li ssir il-Ħadd 27 ta' Diċembru 2026.

22.7.4 Ċirkulari Nru SPI/SCI/05/2026 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/05/2026 maħruġa minn DGL. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal din l-iskema. Il-Viċi Sindku EG se jkun qed jaħdem fuq din l-iskema u se jressaq aktar dettalji fil-laqgħa li jmiss.

22.7.5 Ċirkulari Nru SPI/SCI/06/2026 – Finanzjament – Karnival 2027

Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/06/2026 maħruġa minn DGL. Din l-iskema se tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

22.7.6.1 RT 001/2025 - Reġjun Tramuntana Support Fund

Permezz ta' din l-iskema, se jkunu ffinanzjati l-ispejjeż relatati ma' Jum Ħal Balzan 2026. Kien hemm qbil li din

is-sena Jum Ħal Balzan jiġi ċċelebrat nhar is-Sibt 24 u l-Ħadd 25 ta' Ottubru 2026.

**F'dan il-ħin (5.57pm) ġiet sospiża l-laqgħa għal ftit minuti. Il-laqgħa tkompliet fis-6.04pm.**

22.7.6.2 Bil-kontra ta' li sar is-sena l-oħra, is-Soċjetà Filarmonika Marija Annunzjata se jdoqqu fis-serata mużikali tas-Sibt filgħaxija, filwaqt li l-Każin tal-Banda San Gabriel ser idoqqu l-Ħadd filgħodu.

22.7.6.3 Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillier MLB se jilħqu jibdew jaħdmu fuq l-attività, biex fil-laqgħa li jmiss jiġi diskuss il-programm.

## 22.8 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

22.8.1.1 Xogħlijiet li qed isiru minn l-Enemalta plc fi Triq il-Ferrovija l-Qadima
Reġgħet saret diskussjoni fuq ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Ferrovija l-Qadima.

22.8.1.2 Il-Viċi Sindku EG issuġġerixxa li Triq il-Kannizzata ssir *one-way* sa Triq Patri Ġużè' Delia. Dan is-suġġeriment se jiġi diskuss aktar fid-dettall fil-laqgħa li jmiss.

22.8.2 Laqgħa tal-Lokalità
Il-Kunsill qabel li l-laqgħa pubblika ssir nhar it-Tlieta, 7 ta' April 2026 fis-6.00pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill. Il-Kunsillier MLB infurmat li mhux se tkun tista' tattendi.

22.8.3 *Claim No.* 01/2026
Qed jintalab kumpens għal ħsara li ġarrab f'*tyre* u rimm tal-vettura fit-18/02/2026 minħabba ħofor fi Triq il-Kbira. Din il-ħsara tammonta għal €90. Il-Kunsill iddiskuta u m'approvax it-talba. Minn spezzjoni li saret fuq il-post jidher lit-triq mhijiex fi stat ħażin u ma nstabux ħofor li setgħu jikkawżaw il-ħsara msemmija.

22.8.4.1 Jum il-Premjazzjoni - Skola Primarja Annibale Preca – Lija / Balzan/ Iklin
Il-Kap tal-iskola qed jistieden membru tal-Kunsill biex fit-8 ta' Mejju 2026 fid-9am, ikun preżenti waqt il-premjazzjoni tal-istudenti. Il-Viċi Sindku EG ser jattendi f'isem il-Kunsill.

22.8.4.2 Qed jitlob għajnuna finanzjarja lit-tliet (3) Kunsilli biex jinxtraw kotba biex jingħataw lill-istudenti. Il-Kunsill qabel li bħas-sena preċedenti jiffinanzja s-somma ta' €150.

22.8.5 *Road Markings* fi Triq l-Għerusija
Il-Viċi Sindku EG qal li meta saret it-triq minn IM, minflok kaxxi sofor saru dyls mal-ġnub tal-garaxxijiet. Informa lir-residenti tat-triq qed jitolbu li jitneħħew id-dyls minn mal-ġnub tal-garaxxijiet u minflok isiru l-kaxxi s-sofor. Il-Kunsill approva.

## 22.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

22.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdet l-iskeda ta' pagamenti nru. 03/26, li tinkludi l-ammont ta' €68.71c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Frar 2026.

22.9.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku EG li kien issekondat mill-Kunsillier ONDG. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 22.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

22.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.25pm.

22.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tlieta, 28 ta' April 2026 fil-5.00pm.
Konfermati, it-Tlieta, 28 ta' April 2026.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef | Doriette Farrugia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |